

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

P8_TA(2016)0120

L-UE f'ambjent globali jinbidel – dinja iktar konnessa, kontestata u kumplessa**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' April 2016 dwar l-UE f'ambjent globali jinbidel – dinja iktar konnessa, kontestata u kumplessa (2015/2272(INI))**

(2018/C 058/12)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 3(1), (2) u (5), l-Artikolu 21, b'mod partikolari l-paragrafi (1), (2), il-punt (h) u l-paragrafu (3), it-tieni subparagrafu tiegħu, l-Artikoli 8, 22, 24, 25, 26, l-Artikolu 42, b'mod partikolari il-paragrafu (7) tiegħu, u l-Artikolu 46 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ESS) tal-2003 u r-Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-2008 tal-ESS,
- wara li kkunsidra r-rapport mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli (VP/RGħ) dwar "L-Unjoni Ewropea f'ambjent dinji li qed jinbidel – dinja aktar konnessa, kontestata u kumplessa",
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u mir-Rappreżentant Għoli dwar "L-approċċ komprensiv tal-UE rigward il-konflitti u l-kriżijiet esterni" (JOIN(2013)0030),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" (COM(2015)0185),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli dwar "Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat" (JOIN(2015)0050),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (abbażi tar-Rapport Annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-klawsola ta' difiża reċiproka (Artikolu 42(7) TUE) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Diċembru 2013 (EUCO 217/13) u tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015 (EUCO 22/15), u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PSDK tat-18 ta' Mejju 2015 (8971/15),
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1835 tat-12 ta' Ottubru 2015 li tiddefinixxi l-istatut, is-sede u r-regoli operazzjonali tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli dwar "L-istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur" (JOIN(2013)0001),
- wara li kkunsidra l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea kif adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-24 ta' Ġunju 2014,

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0213.⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2016)0019.⁽³⁾ ĠU L 266, 13.10.2015, p. 55.

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

- wara li kkunsidra l-Kunċett Strateġiku tan-NATO tal-2010 u d-Dikjarazzjoni tas-Summit tan-NATO ta' Wales tal-2014,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar ir-Rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja fl-2014 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, kif adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-25 ta' Ġunju 2012,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar l-esportazzjoni tal-armi: implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, kif adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU f'Settembru 2015, u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0069/2016),
- A. billi bosta sfidi u theddidiet attwali u futuri għall-UE huma kumplessi u interrelatati, joriġinaw minn atturi statali u mhux statali u ġejjin kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra l-fruntieri komuni; billi jeħtieġ li l-kuntesti lokali, reġjonali u globali jiġu konnessi; billi jeħtieġ li jkun hemm rieda u tmexxija politika qawwija għal azzjoni komuni determinata min-naħa tal-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex iwieġbu b'mod proattiv, kollettiv u effikaċi għal dawn l-isfidi, jissalvagwardjaw il-valuri tal-UE u l-mudell tas-soċjetà, u jbiddu l-UE fattur effikaċi u aktar strateġiku u jikkontribwixxu għas-sigurtà globali; billi jeħtieġ li l-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-politika barranija u ta' sigurtà twitti t-triq għal dan l-iżvilupp billi tiddefinixxi livell politiku tal-ambizzjoni tal-UE bħala attur internazzjonali;
- B. billi l-UE jeħtiġilha tirrikonoxxi bis-sħiħ id-deterjorament tal-ambjent strateġiku immedjat tagħha, u l-konsegwenzi fit-tul tiegħu; billi l-fatt li diversi kriżijiet qed iseħħu simultanament u qed ikollhom konsegwenzi dejjem aktar diretti fl-UE jfisser li l-ebda Stat Membru ma jista' jirreaġixxi waħdu u li l-Ewropej għandhom jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom kollettivament biex jiżguraw is-sigurtà tagħhom;
- C. billi t-theddidiet identifikati fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà 2003 – it-terroriżmu, l-armi ta' qerda massiva, il-konflitti reġjonali, il-falliment ta' stati u l-kriminalità organizzata – jibqa' fil-biċċa l-kbira rilevanti; billi llum l-UE qed tħabbat wiċċha ma' għadd ta' sfidi serji u mhux previsti addizzjonali, bħalma huma t-tentattivi minn setgħat reviżjonisti biex ifasslu l-fruntieri mill-ġdid bil-forza billi jiksru d-dritt internazzjonali u jikkontestaw l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli, it-tibdil fil-klima, it-ktabbir ekonomiku kajman, il-flussi migratorji u tar-rifuġjati kbar u l-akbar kriżi tar-rifuġjati minn żmien it-tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, flimkien ma' żviluppi teknoloġiċi fl-ispazju u ċ-ċibernetika, il-kriminalità finanzjarja, il-proliferazzjoni nukleari u t-tlielaq għall-armi, il-gwerer ibridi u t-theddidiet asimmetriċi;
- D. billi l-arkitettura tas-sigurtà tal-Ewropa ġiet ibbażata fuq l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE); billi l-UE hija attur ewlieni fl-OSKE;

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0470.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0472.

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

- E. billi, fid-dawl tad-deterjorament fis-sigurtà reġjonali, l-UE jeħtiġilha tagħti prijorità lill-istabbilizzazzjoni tal-viċinat immedjat tagħha, iżda mingħajr ma tiflew l-impenji globali tagħha; billi l-kriżijiet tas-sigurtà fuq l-għatba tal-UE huma aggravati u msawra minn xejriet globali u, min-naħa l-oħra, billi l-ġestjoni effikaċi tas-sigurtà reġjonali hija prerekwiżit għall-kapaċità tal-UE li taġixxi globalment;
- F. billi fis-26 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill Ewropew inkariga lir-Rappreżentant Għoli tissokta l-proċess ta' riflessjoni strateġika bil-għan li titħejja strateġija globali tal-UE dwar il-politika barranija u ta' sigurtà f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, li għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill Ewropew sa Ġunju 2016;
- G. billi rispons pront u effiċjenti għal theddidiet min-naħa tal-UE jirrikjedi li jkun hemm solidarjetà qawwija bejn l-Istati Membri, li jingħelbu l-ostakli u li tinqered il-mentalità tad-dipartimentaliżmu fi ħdan l-istituzzjonijiet, kif ukoll fir-rappreżentanzi barranin tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Istati Membri, u li jiġu allokati riżorsi baġitarji suffiċjenti u flessibbli biex jappoġġjaw il-ksib tal-interessi tal-UE; billi strateġija Ewropea effikaċi tirrikjedi l-ewwel u qabel kollox rieda politika qawwija u sens ta' skop komuni fost l-Istati Membri biex jiżviluppaw u jużaw strumenti tassew Ewropej;
- H. billi theddidiet ta' tipi differenti mmirati lejn Stati Membri individwali jridu jitqiesu bħala theddidiet għall-Unjoni kollha kemm hi, u jirrikjedu għaqda qawwija u solidarjetà bejn l-Istati Membri u politika estera u ta' sigurtà komuni konsistenti;
- I. billi l-approċċ komprensiv u l-użu konsistenti u koordinat tal-istrumenti ta' politika esterna u interna tal-UE għandhom ikunu fil-qalba tal-istrateġija l-ġdida; billi l-esportazzjonijiet tal-armi tal-UE ma jistgħux jiġu kkunsidrati li jaqdu l-interessi diretti tas-sigurtà tal-UE, u billi l-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK għandha titqies fil-kuntest tal-iżvilupp ta' Strateġija Globali tal-UE; billi l-oġjettiv prinċipali tal-UE huwa li tippromwovi l-valuri tagħha u b'hekk tikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, flimkien mas-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli; billi dawn l-għanijiet fundamentali m'għandhomx jiġu injorati meta l-UE tieħu miżuri biex timplimenta l-politiki interni u esterni tagħha; billi anke meta l-UE taġixxi sabiex tippromwovi l-interessi kummerċjali tagħha, dejjem jeħtiġilha timmira li tiżgura li l-azzjonijiet tagħha jkunu konsistenti mal-insewiment tal-oġjettivi tagħha relatati maż-żamma tal-paċi u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;
- J. billi, f'ambjent internazzjonali volatili u inċert bħal dan, l-UE jeħtieġ li jkollha l-indipendenza strateġika li tippermettilha tiżgura s-sigurtà tagħha u tippromwovi l-interessi u l-valuri tagħha;
- K. billi s-sigurtà tal-bniedem trid tkun fil-qalba tal-Istrateġija Globali tal-UE, u jeħtieġ li jiġu kkunsidrati bis-sħiħ il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-rigward tas-sigurtà u r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;
- L. billi mill-adozzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà tal-2003 l-UE stabbiliet l-għan li tikseb ordni internazzjonali bbażat fuq multilateraliżmu effikaċi u fuq ir-regoli tad-dritt internazzjonali;
- M. billi l-istrateġija l-ġdida trid tkun skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;
- N. billi l-istrateġija futura għandha tiġi segwita b'rapporti ta' implimentazzjoni annwali u tinkludi l-għanijiet li ġejjin, li għandhom jiġu ddetaljati aktar fi "strateġiji sekondarji" li jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi għal oqsma differenti ta' azzjoni;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016**Id-difiża tal-Unjoni Ewropea**

1. Jirrimarka li l-għan tal-Unjoni Ewropea huwa li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benessri tal-popli tagħha, filwaqt li tiżgura s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha u tat-territorju tagħha; jenfasizza li l-azzjoni esterna tal-Unjoni hija ggwidata mill-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE; jenfasizza li l-UE jeħtiġilha għalhekk tiżgura kemm ir-reżiljenza interna kif ukoll esterna tagħha, il-kapaċità tagħha li tantiċipa, tipprevjeni u ssolvi sfidi u theddidiet prevedibbli u tkun lesta li tieħu azzjoni rapida dwar kriżijiet mhux prevedibbli, u tkun kapaċi tirkupra minn diversi tipi ta' attakki, kif ukoll tissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u tal-materja prima, filwaqt li tqis l-effetti tat-tibdil fil-klima, li jridu jiġu indirizzati b'mod urġenti, filwaqt li tassumi rwol ewlieni fl-azzjoni globali dwar il-klima u fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli;
2. Jemmen li, biex tittratta ambjent dinji li qed jinbidel, l-istrateġija tal-UE għandha tkun ibbażata fuq:
 - (a) l-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' theddidiet u sfidi;
 - (b) id-definizzjoni tar-risposti għalihom;
 - (c) id-determinazzjoni tar-riżorsi meħtieġa;
3. Jissottolinja li l-fruntieri ta' kull Stat Membru huma l-fruntieri tal-Unjoni u jridu jiġu protetti bħala tali;
4. Huwa tal-fehma li l-UE, bħala attur globali, għandha rwol ewlieni fid-difiża tal-prinċipji mnaqqxa fid-dritt internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari tal-prinċipji tal-universalità u tal-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem; jemmen, għalhekk, li d-drittijiet tal-bniedem iridu jiġu integrati fl-Istrateġija Globali l-ġdida, ~~li għandha tinħataf bħala opportunità biex nindirizzaw in-nuqqas attwali ta' integrazzjoni sistematika tal-politika eżistenti tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ħtieġa urġenti għall-ogħla livell ta' appoġġ politiku~~ sabiex jiġu implimentati b'mod sħiħ il-Qafas Strateġiku tal-UE, il-Linji Gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li dejjem tkun ikkonsultata s-soċjetà ċivili tal-UE, tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi, sabiex l-esperjenza u l-kompetenza tal-professionisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tinforma u ssinn il-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżguraw li l-politika barranija tal-UE tadotta approċċ strateġiku lejn id-drittijiet tal-bniedem, b'enfasi fuq azzjonijiet u riżultati konkreti b'mod li juri koerenza fl-impenn tal-UE rigward id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi u f'reġjuni differenti, irrISPETTIVAMENT minn kwistjonijiet ta' sigurtà, politika barranija, kummerċ, enerġija, għajnuna jew materji oħra;
5. Jemmen li huwa kruċjali li jiġu identifikati l-interessi ġenwini komuni ta' politika barranija tat-28 Stat Membru kollha tal-UE f'kull reġjun tad-dinja u f'kull qasam ta' politika rilevanti; jenfasizza, barra minn hekk, li jekk dawn l-interessi komuni jsiru viżibbli, dan minnu nnifsu jsaħħaħ lill-UE b'mod sinifikanti bħala attur fl-affarijiet barranin; jistieden lill-VP/RGħ tagħti lis-SEAE l-komptu li jirreġistra dawn l-interessi speċifiċi u jgħin fid-definizzjoni ta' oġġettivi strateġiċi u operazzjonali li jistgħu jwasslu direttament għal eżiti konkreti;
6. Jemmen li l-Istati Uniti hija s-sieħba strateġika ewlenija tal-UE; jirrimarka li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jkunu aktar magħquda u lesti li jieħdu aktar responsabbiltà għas-sigurtà kollettiva tagħhom u d-difiża territorjali u jiddependu anqas fuq l-Istati Uniti, speċjalment fir-rigward tal-veċinat tal-Ewropa; jisħaq li l-alleanza transatlantika trid tibqa' pilastru kruċjali ta' sistema globali bbażata fuq ir-regoli; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, għalhekk, iqawwu l-kapaċitajiet tad-difiża tagħhom, sabiex ikunu mħejjija biex iwiegħbu għall-ispettru wiesa' ta' theddidiet u riskji ċivili, militari u ibridi, b'sinerġija man-NATO, u jagħmlu użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK);
7. Iħeġġeġ lill-UE, għaldaqstant, issaħħaħ il-kooperazzjoni koerenti u strutturata dwar ir-riċerka fil-qasam tad-difiża, il-bażi industrijali u d-difiża ċibernetika permezz tal-akkomunament u l-kondiviżjoni u proġetti oħra ta' kooperazzjoni, sabiex tuża baġits ta' difiża nazzjonali b'mod aktar effiċjenti, tilħaq il-mira kollettiva ta' 2 % tan-nefqa għad-difiża dwar ir-riċerka u tnedi programm ta' riċerka u teknoloġija fil-qasam tad-difiża fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss; iqis li jeħtieġ li r-rwol tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) jissaħħaħ u li jiżiedu r-riżorsi tagħha, biex tkun tista' taġixxi b'mod aktar

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

effikaċi; iqis ukoll li l-Istati Membri għandhom jassumu aktar responsabbiltà għall-bini ta' kapaċitajiet Ewropej li huma meħtieġa b'mod urġenti u jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika tal-UE, iżidu n-nefqa għar-riċerka militari tagħhom permezz tal-EDA u jsaħħu l-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) u s-Suq Ewropew għad-Difiża (EDM); jappella għal użu aktar trasparenti u responsabbli ta' baġits ta' sigurtà u ta' difiża mill-Istati Membri; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiżguraw li kapaċitajiet adatti għat-tweġiq tal-kompiti taħt l-Artikolu 43 tat-TUE jsiru disponibbli, inkluż għal missjonijiet rilevanti għaż-żamma tal-paċi tan-NU; iqis, barra minn hekk, li l-iskambji ta' intelligence Ewropea għandhom jittejbu u tiġi żviluppata kapaxità Ewropea ta' intelligence u tbassir ġenwina, bil-mekkaniżmi ta' sorveljanza xierqa stabbiliti;

8. Jistieden lill-RGħ/VP tindirizza n-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tal-klawsola ta' difiża reċiproka li tinsab fl-Artikolu 42 (7) tat-TUE u tiddefinixxi l-linji gwida u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tagħha bil-għan li tippermetti lill-Istati Membri jwieġbu b'mod effikaċi meta din tiġi invokata;

9. Jikkritika bil-qawwa lill-Kummissjoni talli ma lestietx fil-ħin il-kompiti fdati lilha mill-Kunsill Ewropew fl-2013 rigward proġett ta' pjan direzzjonali għal reġim komprensiv ta' sigurtà tal-provvista fl-UE kollha, Green Paper ipplanata dwar il-kontroll tad-difiża u tal-kapaċitajiet industrijali ta' sigurtà sensitivi, il-monitoraġġ tal-akkwist pubbliku f'dawk li huma difiża u sigurtà u l-"bejgħ minn gvern lil gvern" fis-settur tad-difiża;

10. Jieħu nota tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1835 tat-12 ta' Ottubru 2015; jistieden lill-kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) u lir-RGħ/VP jinformat lill-Parlament dwar kif din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tirrifletti t-talba ripetuta tal-Parlament biex l-EDA tissaħħaħ permezz ta' finanzjament tal-persunal u tal-ispejjeż operazzjonali tagħha mill-baġit tal-Unjoni;

11. Jemmen li objettiv prinċipali għandu jkun li nersqu lejn li jkollna unitajiet militari multinazzjonali raggruppati b'mod komuni permanentement, forzi ta' difiża konġunti u t-tfassil ta' politika tad-difiża komuni li fl-aħħar mill-aħħar għandha twassal għal Unjoni Ewropea għad-Difiża. Jitlob b'insistenza, f'dan ir-rigward, l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali militari tal-UE permanenti biex tittejjeb il-kapaċità ta' ġestjoni tal-kriżijiet militari, u jiġu żgurati l-ippjanar ta' kontinġenza u l-interoperabilità tal-forzi u tat-tagħmir; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni fid-difiża b'mod kollettiv, b'mod bilaterali u f'raggruppamenti reġjonali; jappoġġja l-adozzjoni ta' White Paper dwar id-Difiża tal-UE, abbażi tal-Istrateġija Globali tal-UE;

12. Hu tal-fehma li l-attivazzjoni attwali tal-Artikolu 42(7) tat-TUE għandha sservi ta' katalist biex jiġi sfruttat il-potenzjal tad-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattat relatati mas-sigurtà u d-difiża;

13. Jenfasizza l-importanza vitali tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, li għandha tiggarantixxi l-koordinazzjoni bejn l-operazzjonijiet, u jappoġġja l-istabbiliment ta' kapaċitajiet Ewropej li jsaħħu lin-NATO fid-difiża territorjali u li jkunu kapaċi jwettqu operazzjonijiet ta' intervent b'mod awtonomu lil hinn mill-fruntieri tal-UE; jenfasizza li l-PSDK għandha ssaħħaħ il-pilastru Ewropew tan-NATO u tiżgura li l-membri Ewropej tan-NATO fil-fatt jonoraw l-impenji tagħhom tan-NATO; jissuġġerixxi li l-kunċett ta' Gruppi ta' Battalja tal-UE u l-kunċett ta' Forza ta' Rispons tan-NATO jiġu magħquda flimkien; ifakkar li l-kontribuzzjonijiet militari għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' solidarjetà fost l-Istati Membri tal-UE;

14. Jisħaq li l-kontrolli fuq l-esportazzjoni tal-armi huma parti integrali mill-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE u għandhom jiġu ggwidati mill-prinċipji mnaqqxa fl-Artikolu 21 tat-TUE, b'mod partikolari l-promozzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt u ż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali; Ifakkar li huwa kruċjali li tiġi żgurata koerenza bejn l-esportazzjoni tal-armi u l-kredibbiltà tal-UE bħala promotur tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja; jinsab profondament konvint li implimentazzjoni aktar effikaċi tat-tmien kriterji tal-Pożizzjoni Komuni tkun tirrappreżenta kontribuzzjoni importanti għall-iżvilupp tal-Istrateġija Globali tal-UE;

15. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw il-Pożizzjoni Komuni dwar l-esportazzjonijiet tal-armi u jtemmu l-kummerċ tal-armi ma' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kriterji elenkati;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

16. Jappoġġja appfondiment ulterjuri tal-governanza effiċjenti ta' dominji komuni globali bħall-baħar, l-ajru, l-ispazju u ċ-ċiberspazju;

17. Jinnota li r-rwol li taqdi t-teknoloġija fis-soċjetajiet tagħna qed jikber u li l-politika tal-UE għandha twieġeb għat-tibdilet rapidi li qed iseħħu fl-iżvilupp teknoloġiku; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol fundamentali ta' għoti ta' setgħa li l-Internet u t-teknoloġiji jistgħu jaqdu fl-iżvilupp, id-demokratizzazzjoni u l-emanċipazzjoni taċ-ċittadini madwar id-dinja, u għalhekk jenfasizza l-importanza li l-UE taħdem biex tippromwovi u tissalvagwardja l-Internet liberu u miftuħ u tipproteġi d-drittijiet diġitali;

18. Jenfasizza li l-impatt tat-teknoloġiji għandu jiġi rifless ukoll fl-istrategġija globali, kif ukoll fl-inizjattivi ta' ċibersigurtà, filwaqt li t-titjib tad-drittijiet tal-bniedem għandu jkun parti integrali tal-politiki u l-programmi kollha tal-UE u integrati fihom, jekk applikabbli, bil-għan li jiġu avvanzati l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, u r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti;

L-istabbilizzazzjoni tal-viċinat usa' tal-Ewropa

19. Jemmen li bil-għan li taġixxi bħala attur globali aktar effikaċi u kredibbli, l-UE għandha tiegħu responsabbiltà akbar u tiffoka fuq li timla l-vakwu ta' sigurtà fil-viċinanzi tagħha u fil-viċinat usa' tagħha, u fuq li toħloq il-kondizzjonijiet għall-istabbiltà u prosperità imsejsa fuq l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, li neċessarjament jinkludi l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-gwerer u l-konflitti attwali, il-flussi migratorji u l-kriżi tar-refuġjati;

20. Jinsab konvint li l-UE għandha tkun aktar involuta fid-diplomazija kontra l-eskalazzjoni, speċjalment fil-viċinat tan-Nofsinar; jemmen li l-istrategġija l-għda għandha tinkludi modi li bihom l-UE tista' tibni fuq il-ftehim nukleari mal-Iran li sar dan l-aħħar tippromwovi aktar bini tal-kunfidenza u arranġamenti reġjonali oħra relatati mas-sigurtà, li jistgħu jibnu wkoll fuq l-esperjenzi proprji tal-Ewropa fir-rigward ta' arranġamenti għas-sigurtà reġjonali bħalma hi l-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (CSCE) u ftehimiet bħalma hu l-Att Finali ta' Helsinki;

21. Huwa tal-fehma li, bil-għan li tibni l-istabbiltà u l-paċi, u tippromwovi s-sigurtà tal-bniedem, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni, l-UE għandha tkompli bl-impenji tagħha ta' tkabbir u integrazzjoni, ibbażati fuq politiki li jrawmu t-tkabbir ekonomiku u soċjetajiet inklużivi, u tkompli l-kooperazzjoni ma' pajjiżi assoċjati mill-qrib ħafna fi ħdan il-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) li għadha kif ġiet riveduta; ifakkar li, skont l-Artikolu 49 tat-TUE, kwalunkwe stat Ewropew jista' japplika biex isir membru tal-Unjoni Ewropea, dment li jaderixxi mal-kriterji ta' Copenhagen, li huma stabbiliti u mhux negozjabbli, u l-prinċipji tad-demokrazija u r-rispett għal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem u dawk tal-minoranzi, u jiżgura l-istat tad-dritt; iqis li l-UE għandha żżomm f'kull ħin impenn koerenti u konsistenti kemm fil-viċinat tagħha tal-Lvant u kemm fil-viċinat tagħha tan-Nofsinar;

22. Jemmen li l-kriżi attwali tar-refuġjati titlob approċċ Ewropew olistiku u azzjoni konċertata urġenti, bl-użu ta' strumenti kemm interni kif ukoll esterni; jitlob strategġija fit-tul u ġestjoni sostenibbli tal-politiki tal-asil, il-migrazzjoni u r-riammissjoni fuq il-bażi ta' prinċipji komuni u s-solidarjetà u b'kont meħud tad-drittijiet tal-bniedem u s-sigurtà umana; jitlob li jissaħħu s-sistema ta' Schengen, il-Gwardja Ewropea tal-Kosta u tal-Fruntiera u l-FRONTEx; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi soluzzjonijiet effikaċi u sostenibbli; jemmen li, f'dan ir-rigward, l-UE għandha tippromwovi approċċ aktar Prattiku u komprensiv biex tgħin lill-Afrika, il-Lvant Nofsani u l-pajjiżi u reġjuni fraġli u suxxettibbli għall-gwerer;

23. Jemmen li d-diplomazija multilaterali inklussiva taħt il-koordinazzjoni u t-tmexxija tar-RGħ/VP hija kruċjali fir-riżoluzzjoni tal-konflitti u l-ġestjoni tal-kriżijiet, kemm fil-viċinat u kemm globalment; jenfasizza li jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar direzzjoni strateġika, konsistenza u sinerġiji pożittivi bejn il-politiki ta' azzjoni esterna u l-politiki interni li kulma jmur qed isiru dejjem aktar interkonnessi fil-livell tal-UE, fi ħdan l-Istati Membri, u bejn is-SEAE u l-Kummissjoni;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

It-tisħiħ tal-governanza globali multilaterali

24. Jemmen li l-UE għandha tkun attur globali kostruttiv u reżiljenti li jkollu attenzjoni reġjonali, jkun mgħammar bil-mezzi ċivili u militari neċessarji, u li jaspira li "jfassal ir-regoli", u b'hekk l-UE tikkontribwixxi għal governanza globali multilaterali effiċjenti u ssaħħaha bil-għan li tqawwi id-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; Jenfasizza li l-PSDK hija strument ewlieni għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kriżijiet;

25. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jsegwu l-approċċ komprensiv/koerenti/integrali fl-azzjoni esterna tagħhom u jqisu r-rabta inseparabbli bejn is-sigurtà interna u dik esterna; f'dan ir-rigward, jistieden lill-UE tiżviluppa sinerġiji bejn is-sigurtà, l-iżvilupp, il-kummerċ, id-drittijiet tal-bniedem, l-attivitajiet ta' promozzjoni tad-demokrazija u l-azzjoni esterna tal-UE, u tagħmel dawn il-politiki parti mill-istrategġija globali tagħha; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-kummerċ tgħin ukoll biex jintlaħqu l-oġettivi relatati man-nonproliferazzjoni, il-promozzjoni tal-paċi u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem;

26. Ifakkar fir-rwol sinifikanti u li qiegħed jikber li s-sigurtà tal-enerġija se jkollha fl-iżvilupp intern tal-UE u fir-relazzjonijiet tagħha mas-sħab lokali, reġjonali u internazzjonali; jitlob implimentazzjoni malajr u sħiħa tal-ħames pilastru tal-Unjoni tal-Enerġija; jemmen li huwa fl-interess strateġiku tal-UE li tagħti lill-Kummissjoni prerogattiva li tagħmilha ta' konegozjatur u kofirmatarju fil-kuntratti kollha fuq il-provvisti tal-enerġija minn pajjiżi terzi u fuq il-produzzjoni tal-enerġija f'pajjiżi terzi;

27. Jenfasizza l-ħtieġa ta' rieda politika fl-Istati Membri biex juru aktar flessibbiltà fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-PSDK bil-għan li jinħoloq momentum ġenwin f'dan il-qasam; jappoġġja t-twaqqif ta' Kunsill tal-Ministri tad-Difiża, kif ukoll laqgħat regolari tal-Kunsill Ewropew dwar id-difiża; iħeġġeġ lill-Istati Membri li jixtiequ, jistabbilixxu Kooperazzjoni Strutturata Permanenti fid-Difiża (PESCO); jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jingħelbu l-limitazzjonijiet strutturali relatati b'mod partikolari mal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, il-kapaċitajiet (ċivili u militari) u l-finanzjament komuni; jemmen li l-użu ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti fid-Difiża u tal-Artikolu 44 tat-TUE jirrappreżentaw il-metodi istituzzjonali l-aktar adattati biex din il-politika komuni titmexxa l-quddiem b'mod realistiku;

28. Jappoġġja l-prinċipju li l-Istati Membri tal-UE għandhom jintrabtu li jużaw mill-inqas 2 % tal-PDG tagħhom għanefqa tad-difiża sal-2024 bil-għan li jiksbu l-kapaċitajiet ċivili u militari meħtieġa u adegwati biex jimplementaw l-oġettivi tal-PESK/PSDK, filwaqt li jsaħħu l-ekonomiji ta' skala permezz tal-kożvilupp u l-kooperazzjoni u jnaqqsu d-disparitajiet ta' bejn l-Istati Membri;

29. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-atturi globali u reġjonali dwar it-theddiet u l-isfidi globali huwa meħtieġ bil-għan li tinkiseb ordni globali bbażata fuq ir-regoli; jemmen li t-tixrik fuq kwistjonijiet settorjali speċifiċi ma' atturi reġjonali interessati jippermetti li l-valuri Ewropej jiġu kondiviżi u jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-iżvilupp; ifakkar li t-theddid globali ħafna drabi jkollu kawżi lokali u li, bħala riżultat, is-soluzzjoni tagħhom tirrikjedi l-involviment tal-atturi lokali; jinnota li l-istabbiliment ta' relazzjonijiet aktar mill-qrib ma' atturi mhux statali, gvernijiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili huwa kruċjali wkoll biex jiġi żgurat approċċ komprensiv għal-isfidi globali bħalma huma t-tibdil fil-klima u t-terroriżmu, u li l-mod kif l-UE tibni u tiddefinixxi s-sħubijiet jeħtieġ li jiġi rivedut sabiex jissaħħaħ is-sens ta' sjeda tas-sħab u jkomli jiġi inkorporat approċċ li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati;

30. Jemmen li l-kooperazzjoni ma' atturi globali u reġjonali ewlenin – stati, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet – għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji fundamentali u l-interessi strateġiċi tal-Unjoni, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, u l-oġettivi u l-interessi komuni identifikati, filwaqt li jitqiesu l-piż strateġiku tagħhom u l-kontribut potenzjali tagħhom għall-indirizzar tat-theddiet u l-isfidi globali; iqis li l-proġetti ta' konnettività strateġika jistgħu jaqdu rwol vitali fil-bini ta' relazzjonijiet b'saħħithom u stabbli mas-sħab ewlenin tal-Ewropa;

31. Jitlob kooperazzjoni intensifikata mas-setgħat u l-oqfsa reġjonali bil-ħsieb li jinkisbu sinerġiji sostenibbli dwar il-paċi, is-sigurtà, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-ġestjoni tal-kriżijiet, u għal appoġġ imsaħħaħ għall-pajjiżi li jinsabu taħt pressjoni severa minħabba kriżijiet reġjonali, inkluża kooperazzjoni fil-bini ta' istituzzjonijiet reżiljenti u stabbli u soċjetà inklużiva biex jiġu aġevolati l-ftehimiet kummerċjali u settorjali għall-promozzjoni tas-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità, u jiġu segwiti strateġiji reġjonali komprensivi;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

32. Jiddeplora l-fatt li r-reġimi awtokratiċi u ripressivi qed ikollhom suċċess dejjem ikbar fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jdgħajfu jew ixekklu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili attiva; iħeġġeġ lir-RGħ/VP tindirizza din ix-xejra globali negattiva fil-kuntest tal-Istrateġija Globali;

33. Jirrimarka li l-prosperità tal-Unjoni hija determinata mill-kapaċità tagħha li tibqa' innovattiva u kompetittiva u tapprofitta ruħha minn ekonomija globali li timxi b'pass mgħaġġel. iqis li l-UE jeħtiġilha tuża l-għodod ta' politika kollha tagħha b'mod koerenti sabiex toħloq kundizzjonijiet esterni favorevoli għat-tkabbir sostenibbli tal-ekonomija Ewropea. iqis li l-UE għandha tkun attur impenjat u attiv, li jippromwovi l-kummerċ ħieles u ġust u l-investment, kanali kummerċjali sikuri u żieda fl-aċċess għas-suq fid-dinja kollha, u li jissalvagwardja l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja globali billi jippromwovi standards għolja ta' regolamentazzjoni u governanza;

34. Jinnota li, bil-għan li tilħaq l-oġġettivi ta' hawn fuq, l-UE għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha ma' NU riformata u tpoġġi lilha nfisha f'pożizzjoni li tinfluwenza u tidderieġi l-azzjoni fil-fora globali dwar il-governanza ta' daww l-oqsma fejn jiżvolġu l-interessi strateġiċi u ta' sigurtà tal-UE, u għandha tapprofondixxi s-sħubijiet tagħha ma' atturi globali u reġionali oħra, tagħti haġja ġdida lis-sħubijiet strateġiċi tagħha u tittrasformathom f'għodod effikaċi ta' politika, inklużi s-sħubiji tagħha ma' atturi mhux statali; iqis li l-UE għandha wkoll issaħħaħ id-diplomazija Ewropea, issaħħaħ il-kapaċitajiet operazzjonali tagħha għall-prevenzjoni tal-kunflitt, tappoġġja d-demokrazija u l-paċi, tiġġestjona l-kriżijiet u tibni l-alleanzi permezz tal-medjazzjoni u d-djalogu, u tippromwovi u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili; iħeġġeġ kooperazzjoni aktar profonda bejn l-UE u n-NU u bejn l-UE u l-UA fl-Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi; jenfasizza li l-approċċi għas-soluzzjoni tal-kunflitti għandhom ikunu inkorporati kemm jista' jkun f'soluzzjonijiet miftiehma b'mod multilaterali, b'rispett debitu għad-dimensjonijiet multipli li tali interventi jeħtieġ li jkopru fl-oqsma taż-żamma u l-infurzar tal-paċi, l-iżvilupp sostenibbli, l-indirizzar b'mod determinat tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

35. Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol kruċjali li l-Unjoni taqdi fil-qasam tal-ġhajnuna għall-iżvilupp, u jstieden lill-Istati Membri jonoraw l-impenji tagħhom li jallokaw 0,7 % tal-PDG tagħhom għall-ġhajnuna pubblika għall-iżvilupp; jstieden lill-UE trawwem approċċ aktar pragmatiku fir-rigward tal-ġhajnuna billi tinkoraġġixxi l-użu ta' appoġġ baġitarju; jstieden lill-Istati Membri jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jilħaq l-oġġettivi ta' żvilupp sostenibbli;

36. Jenfasizza li l-iżvilupp mhuwiex possibbli mingħajr is-sigurtà, u s-sigurtà mhijiex possibbli mingħajr l-iżvilupp; jirrimarka li l-politika tal-UE għall-iżvilupp għandha, għaldaqstant, tkun parti essenzjali mill-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-Politika Barranija u ta' Sigurtà;

37. Jilqa' l-għan tal-Istrateġija Globali l-ġdida tal-UE dwar il-Politika Barranija u ta' Sigurtà li tkun waħda komprensiva, issaħħaħ il-koerenza bejn il-politiki interni u daww esterni u ttejjeb il-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri; ifakkar fl-obbligu tat-Trattat li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD) u li tiġi evitata kwalunkwe kontradizzjoni bejn il-politiki tal-iżvilupp u daww mhux tal-iżvilupp li għandhom impatt fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jstieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jstabbilixxu u jikkonsolidaw sistemi ta' koordinazzjoni bejn il-ministeri rispettivi tagħhom u fost il-Kulleġġ tal-Kummissarji kollu kemm hu, rispettivament, u jkomplu jinvolvu aktar lill-parlamenti nazzjonali fl-aġenda tal-PCD, u jitlob li l-UE ssaħħaħ mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għall-identifikar tal-implikazzjonijiet potenzjali tal-politiki fuq l-oġġettivi ta' żvilupp, billi tintegra aspetti tal-iżvilupp fl-inizjattivi ta' politika mill-bidu nett u tintroduċi kejl aktar sistematiku tal-impatti u tal-progress fir-rigward tal-PCD; jitlob, f'dan ir-rigward, l-istabbiliment ta' rimedji effikaċi għall-vittmi f'każijiet fejn il-ġurisdizzjoni domestika turi b'mod ċar li ma tkunx kapaċi tittratta l-politiki implimentati minn kwalunkwe entità barranija;

38. Jilqa' l-fatt li r-rabta bejn il-paċi u l-iżvilupp ġiet riflessa kif dovut fl-Aġenda l-ġdida 2030 u, bħala riżultat, ġie introdott l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 16 dwar il-paċi u l-ġustizzja; jstieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħtu prijorità, inter alia, lill-attivitatiet relatati mat-twertiq tal-SDG 16 (id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, il-paċi u l-bini tad-demokrazija) u jiżguraw li dawn ikunu fost is-setturi fokali tal-Programmi Indikattivi Nazzjonali (PIN) fi ħdan l-i-programmar ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

39. Jitlob li ssir reviżjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp bħala kontribut importanti għal strateġija globali tal-UE aġġornata u koerenti; jenfasizza li tali reviżjoni għandha tqis l-isfidi globali l-ġodda, tindirizza l-implimentazzjoni min-naħa tal-UE tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u ttenni l-valuri fundamentali bħalma huma r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, b'attenzjoni speċjali għad-drittijiet tal-gruppi vulnerabbli bħalma huma l-bniet, in-nisa u l-persuni b'diżabilità, id-demokrazija, u l-istat tad-dritt, iżda wkoll il-prinċipji ewlenin tal-effikaċja tal-iżvilupp bħalma huma s-sjeda tal-istrateġiji tal-iżvilupp mill-pajjiżi sħab, l-obbligu ta' rendikont imsaħħaħ fir-rigward tas-sistemi nazzjonali tal-pajjiżi sħab, u d-differenzjar ibbażat fuq il-ħtiġijiet, iżda wkoll kriterji ta' prestazzjoni bbażati fuq l-oġettivi ta' żvilupp; jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel hilita kollha biex issaħħaħ il-komplementarjetà bejn l-atturi kollha tal-iżvilupp bil-għan li jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-politika Ewropea tal-iżvilupp u b'hekk titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-Iżvilupp għal 2030;

40. Jinnota bi tħassib iż-żieda fl-insostenibbiltà tad-dejn kemm fil-pajjiżi żviluppanti u kemm f'dawk li qed jiżviluppaw; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-prinċipju ta' responsabbiltà komuni ta' min jissellef u ta' min jislef, u b'mod effikaċi issegwi u tippromwovi l-prinċipji tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) dwar it-teħid u l-għoti ta' self responsabbli fl-oqsma ta' politika tagħha kollha; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fil-ħidma tan-NU favur mekkaniżmu internazzjonali ta' ristrutturazzjoni tad-dejn sovrani;

41. Iqis li huwa ta' dispaċir li għad ma hemmx qafas regulatorju dwar il-mod li bih il-korporazzjonijiet jikkonformaw mad-drittijiet tal-bniedem u l-obbligi fir-rigward tal-istandards soċjali u ambjentali, li jippermetti lil ċerti stati u kumpaniji jevitawhom b'impunità; jitlob li l-UE u l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fil-ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u tal-Programm Ambjentali tan-NU fuq trattat internazzjonali li jżomm il-korporazzjonijiet transnazzjonali responsabbli għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur ta' standards ambjentali;

42. Jappoġġja l-idea li tiġi definita mill-ġdid ir-relazzjoni tal-UE mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku permezz tat-tisħiħ ta' politika ta' sħab indaqs, filwaqt li jiġi rrispettat l-ispażju ta' politika demokratiku tal-gvernijiet ta' pajjiżi sovrani biex jieħdu deċiżjonijiet ta' politika għall-benefiċċju tal-popolazzjonijiet tagħhom u jtejbu l-prinċipju ta' governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem bħala elementi essenzjali ta' wara l-Ftehim ta' Cotonou u billi, b'mod effikaċi, jissaħħu r-rabtiet bejn l-oġettivi ta' żvilupp tal-UE dwar il-kummerċ, is-sigurtà, it-tibdil fil-klima u l-politiki tal-migrazzjoni għar-rinforz reċiproku; jitlob l-introduzzjoni ta' setgħat ta' skrutinju formali fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, possibbilment permezz ta' ftehim interistituzzjonali vinkolanti taħt l-Artikolu 295 tat-Trattat ta' Lisbona; jitlob li jkun hemm sħubija UE-AKP ta' wara l-2020 li tkun ambizzjuża u ġusta u bbażata fuq il-prinċipji tas-sjeda u tar-rispett reċiproku bejn is-sħab bi drittijiet u obbligi indaqs u li tiffoka aħjar fuq l-isfidi u l-interessi komuni u li tkun adattata aħjar biex tagħmel bidla vera fir-rieda taż-żewġ partijiet u l-isfidi li jiffaċċjaw; jitlob li l-Unjoni Ewropea tippromwovi strumenti għall-kummerċ mal-pajjiżi AKP, b'mod partikolari l-ftehimiet ta' sħubija ekonomika (FSE), sabiex tagħmel bidla reali fis-sigurtà u l-prosperità taż-żewġ partijiet;

43. Jenfasizza li l-UE teħtieġ tkompli u tirrinforza l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u r-reżiljenza fil-viċinat tagħha u f'reġjuni li huma kritiċi għall-interessi tal-UE; Ifakkar li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju huma l-fornituri ewlenin tal-impjiegi u li l-iffaċilitar tal-ħidma tagħhom huwa għalhekk kruċjali biex jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku;

44. Jistieden lir-RGħ/VP, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jstabbilixxu rabta ċara bejn l-Istrateġija Globali tal-UE u l-istruttura u l-prijoritajiet tal-baġit tal-UE, inkluż it-tisħiħ tar-riżorsi proprji, jallokaw ir-riżorsi neċessarji għall-implimentazzjoni tagħha u jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-baġits eżistenti permezz ta' kooperazzjoni aħjar u azzjoni koordinata fl-oqsma tad-diplomazija, l-iżvilupp, il-kummerċ, l-enerġija u d-difiża;

L-involvement – tal-UE, il-parlamenti nazzjonali u ċ-ċittadini Ewropej

45. Jenfasizza li l-Istrateġija Globali għandha tiġi riveduta kull ħames snin, f'sinkronija mal-Parlament Ewropew il-ġdid u l-Kummissjoni l-ġdida, li tippermetti l-verifika ta' jekk l-oġettivi u l-prijoritajiet tagħha għadhomx jikkorrispondu mat-theddiet u l-ambjent ta' sigurtà u biex tippermetti lill-VP/RGħ il-ġdida timpenja ruħha f'reviżjoni;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

46. Jenfasizza li l-azzjonijiet tal-UE huma suġġetti għal sorveljanza mill-Parlament Ewropew u minn parlamenti nazzjonali u li l-Parlament Ewropew jaqdi rwol ewlieni fil-monitoraġġ dettaljat regolari tal-azzjoni esterna tal-istituzzjonijiet tal-UE; iqis li l-parlamenti nazzjonali jistgħu jkunu involuti aktar mill-qrib f'dan l-eżerċizzju ta' monitoraġġ; ifakkar li l-Parlament Ewropew huwa sieħeb ewlieni tar-RGħ/VP fit-tiswir tar-relazzjonijiet esterni tal-UE u fl-indirizzar tal-isfidi attwali, inkluż permezz tal-monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-politika barranija tal-UE; jitlob li r-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija jitressqu lill-Parlament Ewropew;

47. Hu tal-fehma li l-Parlament għandu jaqdi r-rwol sħiħ tiegħu fi ħdan l-isforzi tal-UE biex tipprevjeni l-kunflitti;

48. Jenfasizza l-importanza li fil-proċess jiġu involuti b'mod attiv il-parlamenti nazzjonali permezz ta' skrutinju aktar bir-reqqa konġunt mal-Parlament Ewropew waqt is-sessjonijiet tal-Konferenza Interparlamentari dwar il-PESK/PSDK;

49. Iħeġġeġ bil-qawwa lil dawk li jfasslu l-politiki Ewropej biex jinteraġixxu maċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili, l-industrija, u l-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar il-ħtieġa u l-benefiċċji li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' qafas aktar b'saħħtu għas-sigurtà tal-Ewropa;

o

o o

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.
